**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Gunju 2023**

**Rikors Numru: 11/2022 MLF**

**Vivendo Malta Ltd**

**vs**

**Exclusive "DHW" Ltd**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' disat elef, tlett mija u tnax-il Euro u hames centezmi (€9,312.05), rapprezentanti ammont bilancjali lilha dovut ghal ghamara mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta, kif jirrizulta mill-istatement anness bhala Dok A mal-avviz;

   Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri, tal-ittra ufficjali mahruga skond Artikolu 166A tal-Kap. 12 numerata 2139/21 u dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 88/2022 prezentat kontestwalment u bl-imghax legali b'effett mill-4 ta' Jannar 2021, d-data tal-ahhar invoice, sal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta.

2. Rat li s-socjeta konvenuta qatt ma deheret f'dawn il-proceduri, ghalkemm kienet debitament notifikata, u mill-atti lanqas jirrizulta li pprezentat risposta.

3. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u d-dokumenti ezebiti.

4. Semghet ix-xhieda ta' Matthew Grech, manager tal-Krea li hija wahda mill-business units fi hdan is-socjeta attrici, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023 fejn ikkonferma li l-ammont dovut mis-socjeta konvenuta huwa ta' disat elef tliet mija u tnax-il Euro (€9,312)

5. L-istess xhud ezebixxa d-dokumenti relattivi ghal dan id-dejn u spjega fid-dettal in-natura ta' dan id-dejn.

6. Rat li s-socjeta konvenuta baqghet ma ressqitx provi.

7. Il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' Matthew Grech u d-dokumenti minnu ezebiti.

**Konkluzjoni**

8. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa't-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' disat elef tliet mija u tnax-il Euro (€9,312) lis-socjeta attrici, flimkien mal-imghax kummercjali dovut mill-erbgha (4) ta' Jannar 2021 – data tal-ahhar fattura - sad-data tal-hlas effettiv.

9. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 2139/2021 u tal-mandat ta' sekwestru numru 88/2022, ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**